MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 403/2009

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti huma mizzewwgin.

2. Illi l-kontendenti m'ghandhomx tfal minuri.

3. Illi l-konvenut irrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti mpossibbli stante illi l-istess konvenut huwa hati ta' eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti tieghu fil-konfront ta' l-istess rikorrenti, u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku ta' l-istess konvenut;

4. Illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati sabiex jipprocedu bl-istanti permezz tad-Digriet appositu ta' din l-Onorabbli Qorti; Digriet numru 1693/09 datat 29 ta' Ottubru 2009;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi, l-esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut kif fuq spjegat u tawtorizza lill-esponenti tghix separatament minn ma' l-intimat;

2. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-konvenut lill-attrici ghaliha, filwaqt li tordna u tikkundA lill-istess konvenut sabiex ihallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament minn kull pensjoni tieghu li huwa ghandu jew jista' jkollu; u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut kull sena;

3. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-attrici;

4. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48, 51, 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza izda mhux biss 1-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret mill-attrici.

5. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u tassenja porzjon lill-esponenti u porzjon lill-konvenut ope sententiam, u jekk okkorrendo jkun il-kaz tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jigu inkorporati l-effetti kollha ta' kull eventwali sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

6. TikkundA lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti l-beni kollha dotali u/jew parafernali li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u/jew jittiehed kont tal-valur taghhom fil-likwidazzjoni u apporzjonament tal-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija,okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, liema valur ghandu jitnaqqas mis-sehem spettanti lilu favur l-attrici fil-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija.

Bl-ispejjez bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi d-domandi attrici kif proposti fir-rikors promotur, ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici stante illi z-zwieq ta' bejn il-kontendenti gie rez impossibli minhabba htijiet imputabbli lill-istess intimata A B, fosthom minhabba accessi, mohqrija, theddid, offiza gravi u abbandun, kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi ghalhekk l-esponenti qieghed jaderixxi ruhu ghas-separazzjoni minn ma' martu A B ghar-ragunijiet pero' imputabbli lilha kif fuq intqal.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti diversament preseduta fid-19 ta’ April 2011 li permezz tieghu kienet giet michud t-talba tal-attrici ghall-manteniment *pendente lite* stante li z-zewg partijiet jircievu pensjoni separatament.

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

**Provi.**

Fix-xhieda taghha moghtija permezz ta' affidavit[1] l-attrici **A B** xehdet illi matul iz-zwieg taghha mal-konvenut huwa kien vjolenti maghha kemm verbalment kif ukoll fizikament. Tghid illi kien ikun vjolenti wkoll ma' binhom meta kien ghadu zghir.

Il-konvenut kien mechanic. Peress li skond l-attrici ma kienx jghaddilha flus ghall-hajja hija kienet taghmel l-ilbisi ghan-nies sabiex ikollha ntrojtu.

Peress li l-attrici hija ta' nazzjonalita' Taljana kien hemm zmien meta ommha kienet tigi Malta sabiex tqatta' ftit taz-zmien maghhom. Meta omm l-attrici kibret u mardet ma setghatx tkompli tigi Malta u ghalhekk l-attrici kienet turi x-xewqa' li tmur l-Italja ghal ftit jiem sabiex tara lill-ommha. Il-konvenut qatt ma kien ikun irid jaghtiha flus tant li gieli kien hemm perijodu li damet disa' snin ma tiltaqa' ma' ommha. Meta t-tfal tal-partijiet kibru u bdew jahdmu kienu jhallsulha l-passagg huma u b'hekk setghat tmur izzur lill-ommha. F'wahda minn dawn il-mawriet hija irritornat u sabet li l-konvenut kien biddel ic-cavetta tal-appartament taghhom u b'hekk ma setghatx tidhol fid-dar. Oht il-konvenut, li toqghod fil-pjan terran tal-blokk fejn hemm id-dar matrimonjali, laqghetha f'darha izda tghid li l-post ta' oht il-konvenut huwa zghir hafna.

L-attrici xhedet li d-dar matrimonjali, 118, Flat 1, Old Mint Street, Valletta, inkera minghand terzi meta kienu diga mizzewgin u ghalhekk qed titlob li tinghata d-dritt li tabita f'dan l-appartament ghad eskluzzjoni tal-konvenut.

L-attrici resqet bhala xhud lil **Karmena B**, oht il-konvenut. Ix-xhud spjegat illi hi toqghod fil-pjan terran fl-istess fond fejn hemm l-appartament fl-ewwel sular li huwa d-dar matrimonjali tal-partijiet. Hija tghid li kienet laqghet lill-attrici ghandha meta l-partijiet kienu gia' ghaddejjin bil-kawza tas-separazzjoni. Tghid hekk: "A giet toqghod mieghi isfel ghax kellha xi tghid mar-ragel u fil-fatt hemm kawza ta' separazzjoni ghaddejja bil-Qorti w ospitajtha jiena ghax ma ridietx tmur ghand it-tfal barra l-Belt."

Xehed **Mario B**, iben il-partijiet, prodott mill-attrici. Jghid li ilu ma jkellem lil missieru mis-sena 1998. Jghid li meta kien ghadu zghir missieru kien vjolenti mieghu u kien ukoll xhud ta' swat fuq ommu da parti ta' missieru tant li kien ikollha tissejjah il-Pulizija. Li kien jistghageb dak iz-zmien kien li wara dawn l-incidenti ommu ma kenitx tkun trid li l-Pulizija itellghu lill-konvenut il-Qorti. Jghid li l-abbuz vjolenti da parti ta' missieru kompla sakemm kellu circa

[1] Fol. 65

hmistax-il sena ghaliex imbaghad beda jiddefendi ruhu. Jghid li huma kienu hames ahwa, huwa kien l-uniku iben ma’ erbat ibniet. Spjega li missieru lil hutu l-bniet ma kienx jerfa’ jdejgh fuqhom. Kien fizikament vjolenti mieghu u ma’ ommu. “… jekk kafe’ m’ghogbux kien isabtu mal-hajt u niftakar illi kien anke jigdimha.”

Xehed illi missieru kien ihalliha nieqsa mill-flus lil ommu u ghalhekk hija kienet thit lbisi tat-tieg biex ikollha dhul.

Mario B kien l-ewwel telaq mid-dar u mar jghix band’ohra sakemm mar jghix barra minn Malta fejn ghadu sallum. Cahad li huwa kien jerfa’ jdejgh fuq missieru izda jghid li kien jiddefendi ruhu.

Huwa qal li wara li l-partijiet kienu isseparaw *de facto* ommu kienet marret zmien tghix l-Italja.

Dwar id-dar matrimonjali jghid illi jaf li qabel kien jghix fiha nannuh, missier missieru. Jghid hekk: “Hu kien tana l-flat ghax kien xjah peress li ahna konna.tliet itfal dhalna f’dan il-flat il-kbir ….. Dejjem bil-kunsens tan-nannu. Meta dhalna f’dan il-post in-nannu….. kien ghadu haj pero’ kien diga’ xjah. Kien sar tpartit. In-nannu allura dahal fil-post fejn konna noqghodu ahna li kien izghar u ahna morna fil-post fejn kien qed joqghod in-nannu li kien akbar. Kelli xi erba’ snin / hames snin meta dhalt f’dan il-post.”

Il-konvenut **C B** xehed[2] illi l-appartament li fih il-partijiet rabbew il-familja taghhom “gie ghand missieri b’wirt” . Jghid li l-appartament kien krih missieru fis-sena 1952. Jghid li meta l-partijiet izzewgu kienu marru joqghodu Birkirkara. Jghid li missieru kien tah dan l-appartament b’wirt meta kienu gia’ mizzewgin u kellhom it-tfal. Dwar il-vjolenza li l-attrici tallega li ssubit min-naha tal-konvenut, il-konvenut xhed illi kienu jiggieldu l-glied ta’ mara u ragel normali. Xehed ukoll illi l-mara kienet telqet l-Italja ghal erba’ snin u mhux ghal ftit gimghat. Jghid li meta giet lura marret tghix ma’ ohtu li toqghod fis-sular ta’ isfel.

Imsejjah in subizzjoni il-konvenut xhed li dahlu fl-appartament meta l-partijiet kienu gia’ mizzewga. Sar tpartit u missieru mar joqghod f’post li jigi wara l-Knisja tal-Karmnu fl-istess

[2] Fol 70

Triq fejn hemm l-appartament li sar id-dar matrimonjali tal-partijiet. Minn dak iz-zmien il-kera bdiet tithallas mill-konvenut u mhux aktar minn missieru. Kera llum tithallas is-somma ta' €153.00 kull sitt xhur.

Huwa cahad li fil-15 ta' JAr 2008 gibet mill-Lombard Bank is-somma ta' €17,481.00. F'mument tax-xhieda tieghu qal li huwa kien hallihom il-bank ghax wirithom u f'mument iehor xhed illi ma kienx jaf b'dan il-kont.

**George Cremona**, rapprezentant tad-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali xhed illi l-konvenut ghandu pensjoni kontributorja. Fis-sena 2012 huwa irceva circa sitt elef u sitt mitt ewro f'beneficcji u pensjoni.

Rapprezentant tal-**Lombard Bank Malta p.l.c.** xehed illi l-konvenut kellu kont bankarju li fis-sena 2008 kellu bilanc ta' €17,481.75 li ingibdu kollha fil-15 ta' JAr 2008.

Ikkonsidrat;

**Htija ghat-Tkissir taz-Zwieg**.

Minn ezami tal-provi mressqa jirrizulta sodisfacentement illi l-konvenut ghandu karattru aggressiv u vjolenti. Mix-xhieda tal-attrici u ta' binha jirrizulta illi fuq medda twila ta' snin il-konvenut kien vjolenti mhux biss ma' martu izda wkoll ma' ibnu tant li dan ta' l-ahhar kien kostrett jitlaq mid-dar.

Il-karattru aggressiv tal-konvenut huwa wkoll rifless fil-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistant Gudizzjarju tant li kien hemm okkazzjoni fejn l-Assistant Gudizzjarju kien kostrett iwaqqaf is-seduta peress li l-agir tal-konvenut ma ppermettiex li s-seduta tkompli b'mod civili.

Il-konvenut isostni illi z-zwieg tkisser tort tal-attrici li abbandunat id-dar matrimonjali meta marret l-Italja ghal erba' snin. Hemm kuntrast bejn il-partijiet jekk l-attrici telqitx mid-dar matrimonjali ghal ftit taz-zmien jew ghal erba' snin. Fil-fehma tal-Qorti irrispettivament

minn kemm kien iz-zmien li fih ghamlet 'il boghod mid-dar matrimonjali, l-attrici kienet effettivament kostretta li titlaq mid-dar matrimonjali proprju kagun tal-agir tal-konvenut li irrenda l-hajja tal-attrici gewwa d-dar matrimonjali intollerabbli u perikoluza.

**Artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi illi l-firda personali tista' tintalab "minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi tal-parti l-ohra". Hija l-konkluzzjoni tal-Qorti li l-konvenut huwa hati versu l-attrici ta' offizi gravi, eccessi u mohqrija u ghalhekk huwa unikament hati ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partjiiet.

**Dar Matrimonjali**.

Jirrizulta illi d-dar fejn il-partijiet rabbew il-familja tghhom tikkonsisti fi flat fl-ewwel sular f'binja li fil-pjan terran taghha tabita oht il-konvenut u li kemm ilhom li l-partijiet isseparaw *de facto* l-attrici marret tabita maghha peress li m'ghandiex post alternattiv fejn tmur tghix.

Il-flat inkera fiz-zwieg. Huwa minnu li precedentement dan il-flat kien jinkera minn missier il-konvenut, pero' kif jirrizulta mill-atti, kien sar ftehim sabiex missier il-konvenut johrog minnu u dahlu jabitaw fih l-attrici u l-konvenut bil-familja taghhom. Isegwi ghalhekk illi, kontra dak li jippretendi l-konvenut, mhux minnu li huwa wiret il-kirja. Gialadarba l-missier kien ghadu haj, il-kirja favur tieghu giet terminata u matul iz-zwieg tal-partijiet bdiet kirja gdida tant li s-sidien bdew jaccettaw il-kirja minghand il-konvenut u mhux aktar minghand missieru.

Il-Qorti ghalhekk qed tiddeciedi illi l-kirja tal-appartament de quo hija kirja li rat il-bidu taghha fiz-zwieg u tappartjeni lit-tnejn.

Skond **Artikolu 55A tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta

"(*1) Meta taghti s-sentenza tal-firda, il-qorti ghandha, fuq it-talba ta' xi wahda mill-partijiet, tordna, skond ic-cirkostanzi: (a) li xi parti minnhom ghandha toqghod fid-dar taz-zwieg, ad eskluzzjoni tal-parti l-ohra, u ghal dak il-perijodu u taht dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti jidhrilha xierqa."*

L-Artikolu de quo jipprovdi wkoll li l-Qorti ghandha qabel xejn tqis il-gid tal-partijiet u jekk ghandhomx post alternattiv fejn jirrisjedu.

Huwa minnu li l-attrici qeghda tabita temporanjament ma' oht il-konvenut pero' dan huwa arrangament temporanju u gie spjegat illi l-ambjenti tal-fond fil-pjan terran huma zghar hafna. Il-konvenut ghandu dhul adegwat mill-pensjoni kontributorja u minn beneficcji ohra li jippermettulu jikri post ta' abitazzjoni alternattiv.

Gialadarba l-Qorti ser tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet u gialadarba l-fond huwa mizmum b'titolu ta' kera u mhux b'titolu ta' proprjeta', jehtieg li l-Qorti tordna wkoll min mill-partijiet ghandu jibqa' jabita fl-appartament de quo ad eskluzzjoni tal-parti l-ohra.

Tenut kont tal-fatt illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg, il-Qorti qed tiddikjara illi l-inkwilinat ta' Flat 1, 118, Old Mint Street, Valletta, ghandu millum il' quddiem jsejjah unikament lill-attrici.

**Manteniment**.

Dwar it-talba inizjali tal-attrici ghall-manteniment, jinghad illi l-ebda provi l-attrici ma ressqet dwar il-bzonnijiet u htigijiet taghha. Lanqas resqet provi dwar xi dhul ghandha.

Jirrizulta wkoll mid-digriet li cahdilha l-manteniment *pendente lite* li l-attrici ghandha dhul konsistenti f'beneficcji socjali.

Ghalhekk it-talba tal-attrici ghall-manteniment ser tigi michuda.

**Komunjoni tal-Akkwisti u Proprjeta' Parafernali.**

Bhala assi ta’ valur kull ma rrizulta huwa gradenza antika li l-attrici ssostni li hi parafernali. Dwar dan il-konvenut ma xhed xejn u ghalhekk il-verzjoni tal-attrici qed tigi meqjusa bhala veritiera.

Irrizulta wkoll li f’kont bankarju mal-Lombard Bank kien hemm kont f’isem il-konvenut wahdu b’bilanc ta’ €17,481.75 li ingibdu f’daqqa. Fix-xhieda tieghu dwar dan il-kont il-konvenut kien evaziv ghall-ahhar. F’mument minnhom jghid li ma kienx hu li gibidhom, f’mument iehor jghid li lanqas kien jaf dwar dan il-kont.

Irrizulta bhala fatt li dan il-kont inghalaq meta l-partijiet kienu ilhom snin kbar mizzewgin. Irrizulta wkoll illi l-kont kien f’isem il-konvenut wahdu u allura huwa prezunt, fin-nuqqas ta’ provi kuntrarji, li kien hu li gibed ic-cifra fuq imsemmija.

Il-Qorti tiddikjara li l-flus f’dan il-kont bankarju huma assi tal-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-partijiet u ghalhekk ser tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici nofs din ic-cifra.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi, prevja li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut,

1. Tilqa’ l-ewwel talba, tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali ta’ bejn il-kontendenti u dan minhabba ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut kif fuq spjegat u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.

2. Tichad it-tieni talba ghall-motivi fuq spjegati.

3. Tilqa’ t-tielet talba u tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-dritt li jitlob manteniment minghand l-attrici.

4. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti kollha tal-artikoli 48, 51 u 52 tal-Kap 16 inkluz it-telfien tad-dritt li jirett lill-attrici.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti. Tillikwida l-istess billi tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tmint elef, seba' mija u erbghin ewro u hamsin centezmu (€8,740.50) ghar-ragunijiet fuq spjegati.

6. Tiddikjara illi l-gradenza antika li hemm fid-dar matrimonjali tappartjeni esklusivament lill-attrici.

7. Bis-sahha tal-Artikolu 55 A (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li l-attrici ghandha ghal zmien indefinit, fil-Flat numru wiehed (1), tirrisjedi numru mija u tmintax (118), Old Mint Street, Valletta, ad eskluzzjoni tal-konvenut, b'dan illi l-kirja tal-flat de quo ghandha ddur unikament fuq isem l-attrici ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi b'effett minn xahar millum.

8. Bis-sahha tal-Artikolu 55 A (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-konvenut sabiex fit-terminu perentorju ta' xahar millum jizgombra mill-Flat numru wiehed (1), numru mija u tmintax (118), Old Mint Street, Valletta,

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------